**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' April, 2016

Rikors Kongunt Nru : 110/16 AL

**A B**
**u**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi A B u C B izzewwgu fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija tnejn u disghin (1992) (Att taz-Zwieg Numru 1445/1992) mil-liema zwieg twieldu tlett itfal, senjatament R B, HB u N B ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, dsatax (19) il-sena u tnax (12) il-sena rispettivament;

Illi A B u C B sseparaw legalment minn ma' xulxin u dana in virtu ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dr Sandra Grech Cordina datat erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011), kopja hawn taht annessa u mmarkata bhala Dok A. Ghaldaqstant il-partijet ilhom aktar minn erba' snin separati minn xulxin;

Illi ai termini ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni gie dikjarat mill-partijiet f'paragrafu numru 4 illi huma reciprokament irrinunzjaw mid-dritt li jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin u kwindi ma hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet;

Illi skont l-istess kuntratt ta' seprazzjoni ai termini tal-klawsola numru 5 sub-inciz (iii) il-komparenti konjugi C B kien obbliga ruhu li jhallas manteniment ghal uliedu minuri fis-somma ta' erba' mija u hamsin Ewro (€450) fix-xahar ghat-tlett itfal sakemm dawn jaghlqu it-tmintax-il sena, liema manteniment dejjem thallas regolarment, u kwindi anki minn dan l-aspett ma hemm l-ebda kwistjonijiet dwar manteniment ta' l-istess tfal;

Illi ma jezisti l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li l-partijiet it-tnejn illum ghandhom il-hajja privata taghhom separata minn xulxin;

Illi ghalhekk jissussistu l-elementi kollha sabiex jigi akkordat d-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet A B u C B b'divorzju u dana ai termini ta' l-Artikoli 66A et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lii-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Marzu, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-14 ta' Settembru 2011 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.